

Brussell, 18 ta' Frar 2016  
(OR. en)

6154/16

SOC 69  
EMPL 44  
ECOFIN 108  
EDUC 31  
JEUN 17

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                                                |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                  |
| Suġġett: | Investiment fl-Impjiegi taż-Żgħażaġħ: L-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<br>- Approvazzjoni tal-messaġġi ewlenin tal-EMCO dwar it-triq 'il quddiem |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar it-triq 'il quddiem għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ wara l-2016, li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu fis-7 ta' Marzu 2016.

L-annessi għal dawn il-messaġġi ewlenin jinsabu fid-dokumenti 6194/16 ADD 1, ADD 2 u ADD 3.

## **Messaġġi ewlenin dwar it-triq 'il quddiem għall-GŻ wara l-2016, li jinkorporaw ir-rapport tal-EMCO dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**

Sa mill-2005, meta adotta linji gwida għal-linji politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, il-Kunsill qabel li ż-żgħażaġh qiegħda jiġu offruti bidu ġdid fi żmien sitt xhur. Fl-2008, dan tnaqqas għal erba' xhur għaż-żgħażaġh li jtitilqu mill-iskola kmieni. F'Settembru 2010, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jintroduċu Garanziji għaż-Żgħażaġħ fil-Komunikazzjoni tagħha 'Żgħażaġħ Attivi'.

Fis-snin 2011 u 2012 kien hemm appelli ripetuti, b'mod partikolari mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, biex iż-żgħażaġh jiġu pprovduti offerti tal-'Garanzija għaż-Żgħażaġħ'. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-Pakkett tagħha ta' Diċembru 2012 dwar l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, akkumpanjata minn inizjattivi dwar il-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u l-mobbiltà tal-ħaddiema żgħażaġh.

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ f'April 2013. Hija tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 25 jirċievu offerti ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew skemi ta' taħriġ fi żmien erba' xhur mit-tluq tal-edukazzjoni formali jew miż-żmien li jispiċċaw mingħajr xogħol.

L-Istati Membri kollha ppreżentaw Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (YGIPs) fl-aħħar tal-2013/bidu tal-2014. Għe stabbilit netwerk ta' koordinaturi nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u l-Istati Membri bdew l-implimentazzjoni konkreta mhux aktar tard mill-2014.

L-EMCO għe inkarigat li jwettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ permezz ta' sorveljanza multilaterali. Huwa wettaq tliet rieżamijiet annwali mill-2013 'il quddiem. Tnejn minn dawn it-tliet rieżamijiet ivvalutaw l-Istati Membri kollha, filwaqt li t-tielet rieżami haress primarjament lejn dawk l-Istati Membri b'Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Barra minn hekk, il-Grupp ta' Indikaturi tal-EMCO żviluppa, b'appoġġ mill-Kummissjoni, Qafas ta' Indikaturi għall-Monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>1</sup>. Il-qafas ġie ttestjat permezz ta' ġbir ta' data pilota li sar f'Ottubru-Novembru 2014. Wara xi reviżjonijiet li saru abbażi ta' din l-esperjenza, f'Mejju 2015 ġew approvati mill-EMCO, verżjoni finali tal-Qafas ta' Indikaturi għall-Monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u manwal metodoloġiku li jakkumpanjah. Iż-żewġ dokumenti ser jiġu soġġetti għal titjib ulterjuri jekk meħtieġ. Il-Qafas jinkludi indikaturi relatati għal tliet livelli: monitoraġġ aggregat, dirett u dak ta' segwitu. L-ewwel ġbir regolari ta' data ġie mniedi mill-Kummissjoni fl-aħħar ta' Ġunju 2015 u kopra s-sena ta' referenza 2014. L-ewwel riżultati ta' dan il-ġbir ta' data saru disponibbli tard fl-2015. L-indikaturi għall-monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ inklużi fil-Qafas ta' Indikaturi ġew integrati wkoll fil-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK) permezz tal-ħolqien ta' modulu ġdid.

Abbażi tal-ħidma mwettqa s'issa mill-EMCO, il-messaġġi ewlenin li ġejjin dwar it-triq 'il quddiem għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huma proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsill EPSCO:

- Ir-rieżamijiet tal-EMCO juru impenn qawwi lejn l-implimentazzjoni tal-Garanzija f'isem l-Istati Membri, u riżultati pożittivi minn daww il-miżuri li ġew implimentati. Madankollu, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ma tistax tissostitwixxi l-użu ta' strumenti makroekonomiċi u linji politiki oħra li jinkoraġġixxu l-impjieġ taż-żgħażaġh.
- Fil-valutazzjoni kemm tal-implimentazzjoni kif ukoll tal-impatt tal-Garanzija, huwa dejjem importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-kondizzjonijiet baġitarji u makroekonomiċi differenti fl-Istati Membri kollha.
- Sabiex jitgawda l-benefiċċju tal-ħidma li saret s'issa, impenn politiku kontinwu lejn il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ bħala riforma strutturali fuq terminu twil huwa essenzjali. Barra minn hekk, f'għadd ta' Stati Membri hemm ħtieġa ċara għal koordinazzjoni interna aktar b'saħħitha u għal taġħlim reċiproku intern, biex jiġi żgurat li l-aħjar prattiki jkunu mifruxa fil-pajjiż kollu.

---

<sup>1</sup> <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=14725&langId=en>

- Il-Garanzija agħixxiet ukoll bħala xprunatur qawwi tal-politika f'għadd ta' każijiet. Madanakollu, għadd ta' sfidi għad iridu jiġu indirizzati, u għalhekk il-ħtieġa għal titjib kontinwu għandha tiġi enfasizzata. Barra minn hekk, il-potenzjal sħiħ tal-skambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri tal-UE, u lil hinn mill-Unjoni, s'issa għadu ma ntlaħaqx.
- Peress li ħafna minnhom kienu jeħtieġu riformi sostanzjali u approċċ ta' sħubija wiesgħa, s'issa l-miżuri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ħadu ż-żmien biex jiġu stabbiliti u għaldaqstant evalwazzjoni kompleta għadha mhix possibbli. Barra minn hekk, f'xi każijiet l-introduzzjoni gradwali tal-Garanzija tfigħer li l-implimentazzjoni sħiħa għadha riċenti jew saħansitra pendenti. Tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, iż-żieda ta' inizjattivi biex tiġi żgurata kopertura sħiħa fl-Istati Membri għandha titħaffef.
- Ir-rieżamijiet tagħna wrew li l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-offerti magħmula taħt l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ivarjaw. Għandhom isiru iktar sforzi biex jiġi żgurat li l-Garanzija twassal għal integrazzjoni strutturalment imtejba fis-suq tax-xogħol.
- Il-Garanzija wasslet għal sħubijiet b'saħħithom li jistgħu jiġu żviluppati. Dan jista' jsir permezz tar-rabtiet mas-sistema edukattiva li qed jiġu rinfurzati, u ta' impjegaturi li jkunu impenjati b'mod aktar qawwi fl-għoti tal-Garanzija.
- Hemm ħtieġa ċara għal approċċ aktar diversifikat lejn gruppi differenti fi ħdan il-popolazzjoni żagħżuġha, inkluż l-għoti ta' servizzi mfassla apposta. Waqt li tiġi kkonfermata mill-ġdid l-importanza tal-Garanzija, jista' jkun hemm lok għal approċċ aktar iffokat lejn xi gruppi. L-EMCO jixtieq jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħaħ il-kuntatt ma' dawg in-NEETs li mhumex irreġistrati mas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, u maż-żgħażaġh li qed jiffaċċjaw ostakli multipli.
- Jeħtieġ li l-monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tkun appoġġata minn data kredibbli. B'mod ġenerali, l-ewwel ġbir formali ta' data għall-monitoraġġ tal-GŻ irnexxa billi l-pajjiżi kollha bagħtu data u d-data miġbura tiffaċilita l-kalkolu tal-indikaturi ewlenin għall-parti l-kbira ta' pajjiżi u hija punt tajjeb ta' tluq għal monitoraġġ tal-progress fuq bażi kontinwa. Madankollu, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jitwettaq it-titjib meħtieġ sabiex jinkiseb allinjament aħjar mal-Qafas ta' Indikaturi.

- Ir-riżultati jipprovdu bażi utli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri individwali bl-għan li jkun possibbli titjib kontinwu tal-Iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Madankollu, ir-riżultati ma għandhomx jintużaw biex isiru paraguni bejn l-Istati Membri, minħabba li għalissa l-komparabilità tad-data fost il-pajjiżi hija limitata. Barra minn hekk, f'għadd ta' każijiet, hemm bżonn ta' sforzi iktar qawwija sabiex jingħelbu l-ostakoli tekniċi, legali jew ta' natura oħra eżistenti bl-għan li jiġu introdotti l-aġġustamenti meħtieġa fis-sistemi tagħhom ta' monitoraġġ. L-iżgurar ta' sett komplet ta' data ta' segwitu jkun titjib importanti li jagħti indikazzjoni iktar ċara dwar il-kisba ta' riżultati sostenibbli għaż-Żgħażaġħ.
- L-appoġġ mogħti għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jeħtieġ li jkun żgurat kif ukoll żviluppat aktar. Il-proċess ta' rieżami tal-EMCO wera li kien siewi ħafna, iżda jista' jiġi rfinat aktar biex jiżgura li qed tkompli tinkiseb perspettiva komprensiva tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ mingħajr piż żejjed fuq l-Istati Membri. Il-monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha ċertament tingħaqad mal-ħidma fuq is-Semestru Ewropew kull meta dan huwa possibbli, għalkemm m'għandhiex tkun limitata biss għal dawk l-aspetti ta' rilevanza għas-Semestru. Għandha wkoll tingħata konsiderazzjoni dettaljata għal evalwazzjoni fuq perijodu itwal ta' żmien tal-Garanzija biex l-eżerċizzju ta' rieżami annwali jiġi ssupplimentat.
- S'issa l-esperjenza bil-Garanzija wriet li s-suċċess tagħha jiddependi b'mod kruċjali fuq l-istituzzjonijiet eżistenti fl-Istati Membri u fuq kolloxx fuq il-kapaċità u/jew l-effiċjenza tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Filwaqt li ħafna Stati Membri investew fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kapaċità għadha insuffiċjenti f'xi wħud. L-indirizzar ta' din l-isfida huwa prerekwiżit ċar għal tisħiħ ulterjuri tal-Garanzija.
- Fid-dawl ta' dan, l-investiment kontinwu fil-Garanzija, kemm permezz ta' riżorsi nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE, huwa neċessità. F'dan il-kuntest, l-EMCO jappella għal dibattitu dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ.